Anness A

Ministeru	*Ministeru għall-Finanzi*
L-impjieg	*Kap Spettur tad-Dwana*

MINISTERU GĦALL-FINANZI
30, MAISON DEMANDOLS,
TRIQ NOFS IN-NHAR, IL-BELT VALLETTA

Dmirijiet u Responsabbiltajiet

i. Jiżgura tmexxija, superviżjoni u koordinazzjoni effettiva tas-Sezzjonijiet taħt ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha, filwaqt li jippromwovi kultura ta' prestazzjoni, konformità u integrità;

ii. Jikkollabora mad-Direttur u Kapijiet tas-Sezzjonijiet fl-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana (MTCA) biex jiġi żgurat il-kisba tal-objettivi strateġiċi stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-MTCA;

iii. Jipprovdi servizzi ta' aġenzija skont ftehimiet eżistenti ma' dipartimenti u uffiċċji rilevanti tal-Gvern;

iv. Jissorvelja, jinterpreta u japplika l-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali u tal-UE, jiżgura implimentazzjoni korretta u jinkoraġġixxi konformità volontarja;

v. Jimplimenta deċiżjonijiet u direzzjonijiet strateġiċi maħruġa mid-Direttur, u jallinjahom mal-politika nazzjonali u l-obbligi tal-UE;

vi. Jsaħħaħ il-Programmi ta' verifika u investigazzjoni;

vii. Jieħu sehem fi qafas ta' koperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, l-Amministrazzjonijiet tat-Taxxa u d-Dwana tal-UE, OLAF, u korpi internazzjonali oħra ta' infurzar biex titjieb il-kwalità tal-kontroll, qsim ta' intelliġenza u operazzjonijiet konġunti;

viii. Jikkontribwixxi għal kampanji ta' għarfien pubbliku u edukazzjoni mmirati biex jipprevjenu evażjoni tat-taxxa, frodi tad-dwana u kummerċ illeċitu, inkluż permezz ta' pjattaformi diġitali u tal-midja soċjali;

ix. Ittejjeb l-effettività permezz ta' kontrolli bbażati fuq ir-riskju f'oqsma ta' riskju għoli li jinkludu narkotiċi, prodotti foloz, u oġġetti ta' użu doppju;

x. Jistabbilixxi kontrolli effettivi fuq passiġġieri u merkanzija fil-punti kollha ta' qsim tal-fruntiera (ajruporti, portijiet, żoni ħielsa), jipprevjeni l-moviment ta' oġġetti ristretti u pprojbiti, u jiżgura li d-dħul kollu dovut jiġi miġbur;

xi. Jikkoordina laqgħat operattivi u strateġiċi ma' entitajiet nazzjonali ta' infurzar u partijiet interessati oħra;

xii. Jippromwovi t-trasformazzjoni diġitali tal-proċessi tad-Dwana, inkluża l-implimentazzjoni u l-adozzjoni ta' sistemi ġodda tal-IT;

xiii. Jwettaq kwalunkwe kompitu ieħor li jista' jiġi delegat mid-Direttur, skont il-ħtiġijiet operattivi u l-prijoritajiet tad-dipartiment;

xiv. Jwettaq dmirijiet kif dirett mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana u s-Segretarju Permanenti;

xv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Annex A

MINISTRY FOR FINANCE
30, MAISON DEMANDOLS,
SOUTH STREET, VALLETTA

Ministry	*Ministry for Finance*
Job title	*Chief Inspector of Customs*

Duties and Responsibilities

i. Ensures the effective leadership, supervision, and coordination of the Sections under his/her responsibility, promoting a culture of performance, compliance, and integrity;

ii. Collaborates with Directors and Heads of Sections within the Malta Tax and Customs Administration to ensure the achievement of the strategic objectives outlined in the MTCA Strategic Plan;

iii. Provides agency services in accordance with agreements which are in place with relevant Government departments and offices;

iv. Monitors, interprets, and applies relevant national and EU legislation, ensuring correct implementation and fostering voluntary compliance;

v. Implements decisions and strategic directions issued by the Director, aligning them with national policy and EU obligations;

vi. Strengthens audit and investigation Programmes;

vii. Participates in cooperation frameworks with the European Commission, EU Customs and Tax Administrations, OLAF, and other international enforcement bodies to enhance control quality, intelligence sharing, and joint operations;

viii. Contributes to public awareness and educational campaigns aimed at preventing tax evasion, customs fraud, and illicit trade, including via digital and social media platforms;

ix. Improve effectiveness through risk-based controls in high-risk areas which include narcotics, counterfeit goods, and dual-use items;

x. Establish effective passenger and cargo controls at border crossing points (airports, seaports, free zones), prevent movements of restricted and prohibited items, and ensure that all revenue due is collected;

xi. Coordinates operational and strategic meetings with national enforcement entities and other stakeholders;

xii. Promotes the digital transformation of Customs processes, including the implementation and adoption of new IT systems;

xiii. Undertakes any other tasks as may be delegated by the Director, in line with operational needs and departmental priorities;

xiv. Performs duties as directed by the Commissioner for Tax and Customs and the Permanent Secretary;

xv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.